*Qorti tal-Appell Kriminali*

*Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.*

**Appell Nru: 195/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Leon Farrugia**

Illum, 8 ta' Marzu, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Leon Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 298698(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena 2022, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;
2. U aktar talli xjentament għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;
3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati,

inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament għamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
6. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji , sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet oħra;
7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamel qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000);
8. U aktar talli kellu fil-pussess jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba, tal-ħames u tas-seba' imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 167(1), 169, 308, 310(1)(b) 2 u 310BA tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-kumplament, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' servizz. L-imputat ġie ordnat jaqdi erba' mija w tmenin (480) siegħa ta' xogħol bla ħlas jew xogħol bla ħlas u taħriġ, kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation. Finalment, il-Qorti tenniet li għalkemm l-imputat wettaq ir-reati li dwarhom qed jinstab ħati fiż-żmien li kien uffiċjal tal-*probation*, l-imputazzjonijiet addebitati lilu ma jagħmlux riferenza għal kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku kif kontemplat bl-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali w għalhekk l-Qorti ma tistax tapplika l-provvediment kontemplat b'dak l-artikolu. Peress li l-oġġett/i utilizzati mill-imputat fit-twettiq u l-kummissjoni tal-frodi li dwarha qed jinstab ħati, huma meħtieġa bħala prova fi proċeduri oħra kontra terzi, il-Qorti m'ordnatx il-konfiska ta' l-istess imsemmija oġġett/i.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet

lill-appellat ħati tat-tieni, tas-sitt u tat-tmien imputazzjonijiet, tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundanatu sabiex jitqiegħed taħt ordni ta' servizz ta' erba' mija u tmenin (480) siegħa u minflok tinfliġġi piena għall-akkuzi kollha skond il-Liġi u tordna li jkun hemm l-interdizzjoni ġenerali perpetwa kontrih a bażi tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali jressaq aggravju uniku marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn saħansitra talab ir-revoka tal-Ordni tas-Servizz fil-Komunità ta' 480 siegħa maħruġa fil-konfront tal-appellat fit-termini ta'l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm, fl-aggravji kontenuti fir-rikors tiegħu ma jressaq ebda ilment dwar ix-xorta tal-piena erogata, iżda jilmenta biss min-nuqqas ta'l-Ewwel Qorti illi tapplika fil-konfront tal-appellat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet, u ċioe' li tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

Jagħmel referenza l-Avukat Ġenerali għal verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023 fir-rikors tal-appell fejn jindika dik li kienet l-intenzjoni tal-Qorti illi flimkien mal-piena tapplika is-sanzjoni prospettata fl-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta jgħid illi kien hekk ivverbalizżat:

> **"Meta ssejħet il-kawża deher l-Ispettur Rodney Wayne Borg għall-Prosekuzzjoni.**
>
> **Deher l-imputat assistit minn Dr. Luke Dalli.**
>
> **Tixhed bil-Ġurament Antonella Debono u esebiet Dok AD.**
>
> **Saret trattazzjoni mill-partijiet fuq il-piena.**

**Ordni ta' servizz fil-komunita 480 siegħa.**

**Ai termini tal-art 190 qed interdizzjoni perpetwa**

**Kawża deċiża."**

Illi madanakollu minn eżami li għamlet il-Qorti tal-atti, ma jirriżultax illi l-verbal tal-imsemmija seduta quddiem l-Ewwel Qorti jirrifletti dak indikat mill-Avukat Ġenerali fl-appell tiegħu. Illi fil-fatt il-verbal tal-20 ta' Ġunju 2023 li jinsab f'paġna fil-proċess mhux enumerat jaqra hekk;

> **"Meta ssejħet il-kawża deher l-Ispettur Rodney Wayne Borg għall-Prosekuzzjoni.**
>
> **Deher l-imputat assistit minn Dr. Luke Dalli.**
>
> **Tixhed bil-Ġurament Antonella Debono u esebiet Dok AD.**
>
> **Saret trattazzjoni mill-partijiet fuq il-piena.**
>
> **Kawża deċiża."**

Illi għalhekk ma jidhirx illi f'dan il-verbal hemm xi indikazzjoni, kif jikkontendi l-Avukat Ġenerali,dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat.

Illi dak li jippreokkupa il-Qorti, iżda, huwa il-fatt illi mkien fl-atti ma hemm dikjarazzjoni mill-appellat Leon Farrugia illi huwa qiegħed jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u l-uniku dikjarazzjoni li hemm dwar dak li ried iwieġeb għax-xilja mressqa kontrih hija dik riflessa fl-eżami bla ġurament magħmul fit-termini ta'l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali tal-25 ta' April 2023 li jinsab a fol.8 tal-proċess fejn huwa wieġeb li "mhux ħati".

Illi wara li kienet mnehdija il-kumpilazzjoni, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, fejn, kif ingħad, l-appellat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, l-Qorti Istruttorja għaddiet għad-digriet hekk imsejjaħ tal-*prima facie,* bil-kawża tkun differita għad-29 ta' Mejju 2023, u l-atti rinvijati lill-Avukat Ġenerali li bis-setgħa mogħtija lilu fit-termini ta'l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti lil Qorti Istruttorja

fis-26 ta' Mejju 2023 fejn indika lil Qorti Istruttorja dik l-evidenza ulterjuri li kellha tkun ikkumpilata.

Illi fis-seduta li segwiet, dik tad-29 ta' Mejju 2023, hemm hekk ivverbalizżat:

> **"Meta ssejħet il-kawża deher l-Ispettur Rodney Wayne Borg ghall-Prosekuzzjoni.**
>
> **Deher l-imputat assistit minn Dr. Matthew Paris.**
>
> **Inqara r-rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2023.**
>
> **Dr. Matthew Paris ppreżenta riċevuta li qed tiġi mmarkata Dok MP ta' hlas in toto lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ta' Euro 4661.36.**
>
> **Il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali w cioe' wara li l-imputat wieġeb li hu hati ghall-imputazzjonjiet miġjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hu nghata żmien xieraq sabiex jekk ried jerga lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawza ġiet posposta ghal dan l-iskop.**
>
> **Id-difiza titlob pre-sentencing report. Il-Qorti tilqa' t-talba u l-ufficjal tal-Probation ghandu/ha jiddikjara jekk l-imputat jikkwalifikax ghall-servizz fil-komunita.**
>
> **Kawza differita ghall-20 ta' Gunju 2023 fid-9:30am.**
>
> **L-imputat notifikat fl-awla."**

Imbagħad fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, l-Uffiċjal tal-Probation ippreżentat ir-rapport tagħha u wara li l-Qorti semgħet trattazzjoni dwar il-piena għaddiet għas-sentenza. Issa għalkemm ma hux kkontestat mill-partijiet illi fil-fatt saret l-ammissjoni mill-appellat għall-imputazzjonijiet lilu addebitat u dan anke kif rifless fis-sentenza appellata, madanakollu dikjarazzjoni mill-appellat li huwa qiegħed jirreġistra din l-ammissjoni inkondizzjonata ma hemmx fl-atti. Kif lanqas hemm dikjarazzjoni mill-appellat, wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta'l-ammissjoni fit-termini ta'l-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali illi din l-ammissjoni qed tiġi minnu riaffermata. Illi l-artikolu 392A ifassal l-*iter* li l-Qorti trid issegwi meta l-persuna akkużata quddiemHa tirreġistra ammissjoni:

**(1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba,u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.**

**(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.**

Illi dan l-*iter* irid jiġi osservat skrupolożament u dan għaliex minn dak il-mument 'il quddiem l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom. Tant hu hekk illi l-Qorti tista' ma tistrieħx fuq din il-prova magħmula permezz tal-ammissjoni u dan kif hemm rifless fis-sub-inċiż (3) għall-artikolu 392A meta tkun tal-fehma illi hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ikollha s-setgħa li tordna li l-proċeduri jitkomplew daqslikieku l-imputat ma jkunx wieġeb li hu ħati.

**7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jġib miegħu is-sejbien ta' ħtija tal-imputat għal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta għalihom inkondizzjonatament. F'każ fejn ma jkunx ammetta għall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipproċedi biex tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Iżda meta l-ammissjoni tkun reġistrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni reġistrata legalment titqies il-"prova reġina" tal-ħtija tal-imputat għar-reati u addebiti miġjuba kontrih – u li tagħhom ikun imbagħad soġġett għall-piena li l-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-każ partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta reġistrata skont il-Liġi, l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet konċedenti ħelsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża eċċetra) l-imputat ikun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eċċetra.**

**8. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu ġew kontestati lilu[1].**

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi meta l-verbali fl-atti proċesswali ma jkunux jirriflettu il-proċedura mfassla fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kwalunkwe sejbien ta' ħtija bbażata fuq tali ammissjoni mhux irreġistrata skont il-liġi titqies li hija nulla u li għalhekk la torbot u l-anqas tipproduċi effetti jew konsegwenzi billi dan jikkostitwixxi difett proċedurali serju li jġib bħala konsegwenza in-nullita' tas-sentenza bbażata fuq ammissjoni li hija difettuża.

**"Fl-appelli kriminali Il-Pulizija vs. Gary Grech u Dino Bonnici tal-10 ta' Jannar 2003 kif Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa deċiż fis-17 ta' Lulju 2002 intqal:**

> **Ma huwiex ghal kollox car jekk l-ewwel qorti ottemperatx ruhha ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (1) tal-Artikolu (gdid) 392A (li ukoll gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002). Skond din id-disposizzjoni l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe`, wara li l-imputat wiegeb li hu hati, l-ewwel qorti kellha twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtih ftit ta' zmien biex, jekk irid, jerga' lura minnha; u biss wara li tistaqsieh it-tieni darba kellha l-ammissjoni tigi registrata. Dana kollu, naturalment, kellu jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2002, cioe` l-verbal ta' l-udjenza li fiha sar l-interrogatorju skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Fl-imsemmi verbal ma jirrisulta xejn minn dan, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad li saret kemm l-ewwel mistoqsija kif ukoll it-tieni mistoqsija, li l-imputat inghata zmien ghat-tieni risposta, u li l-Qorti spjegatlu l-akkuza. Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellant mhux jilmenta, fir-rikors ta' appell tieghu, minn xi nuqqas dwar il-procedura kif prevista fl-Artikolu 453(1). Dan il-punt qed jigi senjalat biss sabiex ghall-futur wiehed joqghod attent li tigi segwita skrupolosament il-procedura korretta fil-kaz ta' ammissjoni kif prevista fl-Artkolu 392A(1), u li jkun hemm indikazzjoni fl-atti, u preferibbilment fil-verbal ta' l-udjenza li fija jkun sar l-interrogatorju, li dik il-procedura giet fil-fatt segwita, u dan sabiex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet inutili fi stadju ta' appell.**

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Anabelle Camilleri 15/09/2022 Rks. Nru.266/2019

**14. Il-kontenut tal-verbali tas-seduti huwa kruċjali biex wieħed jifhem sewwasew il-mod kif il-Qorti tkun ikkonduċiet il-proċedura quddiemha u jekk u safejn dik il-Qorti tkun osservat ir-rekwiżiti proċedurali meħtieġa in kwantu dan il-kontenut tal-verbali huwa evidenza ta' dak li jkun seħħ quddiem il-Qorti f'dak il-mument partikolari. B'hekk f'ċirkostanzi fejn l-imputat ikun irid jirreġistra ammissjoni, il-preċiżjoni u d-dettal fil-verbali tal-udjenza jassumu importanza kruċjali. Din il-Qorti tifhem li għal raġunijiet ta' prattiċita' u sforz tal-kwantita' kbira ta' każijiet li l-Qrati tal-Maġistrati jridu jittrattaw, mhux dejjem ikun prattikabbli għal dawk il-Qrati li fil-verbali tas-seduti jniżlu kelma b'kelma dak li jkun seħħ fl-Awla. Dan pero, jista' jkollu konsegwenzi serji fuq il-proċeduri kondotti quddiemhom. Għalkemm hemm aspetti tal-proċedura li ma hemmx għalfejn ikunu verbalizzati b'mod dettaljat ħafna, hemm oħrajn pero, bħal fil-każ t'ammissjoni inkondizzjonata, li jeħtieġu li jkunu magħmula b'reqqa kbira. Dan b'mod partikolari f'dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qrati tal-Maġistrati, fejn il-pieni jistgħu jlaħqu sa' massimu ta' tnax il-sena priġunerija. Dan il-ħsieb jirrifletti wkoll dak mistqarr fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri tal20 ta' Jannar 1995, fejn intqal:**

> **Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti talMagistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fissentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat. Aktar recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti.[2]"**

Illi l-ammissjoni reġistrata mill-appellat ma ġietx minnu kkontestata lanqas f'dan l-istadju ta' reviżjoni kif lanqas jidher illi hemm xi dubbju li dan seħħ minn ebda parti

---

[2] *Ibid*

f'dan il-proċess ġudizzjarju. Illi jista' jkun għalhekk, u probabbilment hekk sar, illi l-Ewwel Qorti segwiet l-*iter* stabbilit fl-artikolu 392A u osservat il-proċedura hemmhekk infraskritta, madanakollu l-Qorti tista' tassumi biss li dan seħħ billi il-verbali magħmula in prim'istanza ma jindikawx dikjarazzjoni mill-imputat/appellat illi huwa qiegħed jammetti b'mod volontarju, liberu u nkondizzjonat għal dak li dwaru kien mixli, u lanqas illi huwa qiegħed itenni din l-ammissjoni wara li l-Qorti tatu żmien għal ripensament. Lanqas fis-sentenza appellata ma hemm indikazzjoni illi l-appellat kien qiegħed jirriafferma l-ammissjoni tiegħu wara li ngħata ż-żmien biex jaħsibha. Dan id-difett proċedurali, allura, jirrendi il-proċess ġudizzjarju null u dan mill-mument illi l-Ewwel Qorti issospendiet il-kontinwazzjoni tal-kumpilazzjoni minħabba fl-ammissjoni tal-appellat, liema ammissjoni, madanakollu ma hijiex reġistrata fl-atti, kif ingħad. Illi kif deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta hawn fuq iċċitata:

> **Il-Qorti tal-Maġistrati trid tistrieħ biss fuq l-akkortezza tagħha, u tara li l-proċeduri jiġu segwiti kollha, ad unguem, u li dan il-fatt ikun reġistrat bil-miktub fil-verbali tas-seduti tagħha. Altrimenti, tista' tħalli lok lill-Prosekuzzjoni jew lid-Difiża skont il-każ, li jkunu jistgħu jikkapitalizzaw fuq fejn jitħalla d-dubju jew lok għall-interpretazzjoni dwar jekk proċedura tkunx ġiet segwita, jew tkunx ġiet segwita kif suppost, b'mod li jingħataw spazju għallappell minħabba raġuni li twassal għan-nullita tas-sentenza jew talproċeduri fejn, bi ftit iżjed attenzjoni, dan setgħa jiġi evitat.**

Illi hekk seħħ f'dan il-każ bl-Avukat Ġenerali jressaq l-appell tiegħu għaliex dehrlu li fil-verbal tal-Qorti kien hemm irreġistrat illi fil-konfront tal-appellat kienet applikata s-sanzjoni maħsuba fl-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali, meta fil-fatt dan ma kienx il-każ.

Illi l-verbali tal-qorti huma parti essenzjali u importanti tal-atti proċesswali. Huwa biss mill-verbali tal-qorti illi jista' jkun stabbilit dak li seħħ fil-kawża. Dawk il-fatti proċesswali li ma jkunux imniżżla fil-verbali tal-qorti jitqiesu li qatt ma seħħew u fejn il-liġi tistabbilixxi l-*iter* li qorti għandha issegwi sabiex il-proċess ġudizzjarju jitqies sħiħ u komplut għal validità tiegħu, dan għandu jkun irreġistrat li seħħ bil-miktub fil-verbali. L-ommissjoni ta' dawn il-fatti proċedurali ifisser illi dak il-fatt ma sarx

għalkemm mill-atti jkun jista' jinftiehem illi x'aktarx l-qorti tkun segwiet id-dettami tal-liġi.

Illi din il-Qorti għalhekk m'għandiex triq oħra ħlief li tissolleva din in-nullita' proċedurali *ex officio*, u għalhekk tiddikjara l-proċeduri miġjuba quddiemHa irriti u nulli minħabba karenza ta' osservanza ta' regoli proċedurali essenzjali.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li seħħ difett proċedurali quddiem l-Ewwel Qorti meta ma kenitx segwieta l-proċedura imfassla fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali. Tiddikjara l-proċeduri nulli u dan mis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 'il quddiem. Għaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Ġenerali. Tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex il-kumpilazzjoni tissokta skond il-liġi u dan mill-mument tar-rinviju ta'l-Avukat Ġenerali datat is-26 ta' Mejju 2023.

**Edwina Grima**
**Imħallef**